

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Proċeduri Tal-qorti](#) > [Kawżi Ċivili](#) > [Rikonoxximent U Infurzar Tad-deċiżjonijiet Tal-qorti](#) > [Kif Tinforza Deċiżjoni Ta' Qorti](#) > [Italy](#)

Kif tinforza deċiżjoni ta' qorti



Italja

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 Xi tfisser eżekuzzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali?

L-eżekuzzjoni hija l-infurzar tas-sentenzi tal-qorti u ta' titoli eżekuttivi oħra (strumenti ta' dejn, atti pubbliċi [*atti pubbliċi*] u atti privati awtentikati għal servizzi speċifiċi). F'dan l-istadju (li jkun għadu soġġett għal proċedimenti ġudizzjarji) jistgħu jintervjenu l-forzi tal-ordni jekk id-debitur jonqos milli jwettaq l-obbligi tiegħu minn jeddu.

2 Liema awtorità jew awtoritajiet huma kompetenti għall-eżekuzzjoni?

Il-qorti ordinarji huma responsabbli mill-eżekuzzjoni. Talba għal rifjut ta' eżekuzzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) 1215/2012 (ir-Regolament Brussell I - [riformulat]) ukoll irid jiġi ppreżentat quddiem qorti ordinarja.

Sabiex tiġi implimentata sentenza ta' qorti ordinarja meta d-debitur ikun awtorità pubblika, il-kreditur jista' jressaq azzjoni speċjali quddiem qorti amministrattiva reġjonali (*agiudizio di ottemperanza* [proċedura ta' konformità] - l-Artikoli 112 *et seq* tal-Kodiċi tal-Proċedura Amministrattiva). Din il-proċedura mhijiex obligatorja; pjuttost, tikkostitwixxi alternattiva għall-eżekuzzjoni diretta minn qorti ordinarja u, kuntrarjament għal dik ta' qorti ordinarja, teħtieġ li s-sentenza li għandha tiġi eżegwita tkun saret finali. Din l-informazzjoni li ġejja tirreferi għall-proċedura ordinarja ta' eżekuzzjoni.

3 Liema huma l-kundizzjonijiet biex jingħataw titoli jew deċiżjonijiet li jkunu eżekuttivi?

Il-pussess ta' titolu eżekuttiv huwa kundizzjoni neċessarja u suffiċjenti biex jinbdew il-proċedimenti għall-eżekuzzjoni. It-titoli eżekuttivi normalment huma previsti mil-liġi fl-Artikolu 474 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u jinqasmu f'żewġ tipi: titoli ġudizzjarji u titoli ekstra-ġudizzjarji. It-titoli ġudizzjarji jinkludu s-sentenzi, l-atti u l-ordnijiet maħruġa minn qorti matul proċedimenti tal-qorti jew fi tmiemhom. It-titoli ekstra-ġudizzjarji jinkludu strumenti ta' dejn, atti pubbliċi u atti privati awtentikati li l-partijiet ikunu għamli mingħajr l-intervent ta' qorti.

3.1 Il-proċedura

Qabel ma jibda l-eżekuzzjoni, il-kreditur jeħtieġli jinforma lid-debitur dwar it-titolu eżekuttiv u jinnotifikah b'mandat (*precetto*), li hija ordni lid-debitur biex jikkonforma fi żmien skadenza ta' mill-inqas 10 ijiem, u bi twissija li jekk jonqos milli jagħmel dan, l-eżekuzzjoni ssir effettiva skont l-Artikolu 480 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

L-eżekuzzjoni ma tistax tibda qabel dik l-iskadenza, flief jekk il-President tal-Qorti jawtorizza l-eżekuzzjoni immedjata b'urġenza (l-Artikolu 482 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

L-Artikolu 480 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jirregola l-kontenut ta' tali mandati, li fihom il-kreditur irid jipprovidi

indirizz fil-muniċipalit  fejn tinsab il-qorti b'ġuri dzizzjoni fuq l-eżekuzzjoni. Jekk ma jingħatax dan l-indirizz, l-appelli kontra l-mandat jitressqu fil-qorti tal-post fejn ikun  ie nnotifikat it-titolu eżekuttiv, u n-notifiki ji u nnotifikati lill-kreditur mir-reġistru ta' dik il-qorti.

Wara li dawn il-formalitajiet ikunu tlestew, jista' jibda l-proċess tal-eżekuzzjoni. Hemm tliet tipi ta' proċedimenti ta' eżekuzzjoni fl-Italja.

1. Sekwestru, li jinvolvi l-qbid u l-bejgħ jew l-allokazzjoni tal-assi jew tal-pretensjonijiet pendenti tad-debitur sabiex jinkisbu l-flus biex jiħallas il-kreditur. Il-qbid isir mill-uffiċjal  udizzjarju li jippreżenta t-titolu eżekuttiv u l-mandat innotifikati, u jrid isir fi  mien 90 jum mid-data tan-notifika tal-mandat, iżda mhux qabel l-iskadenza stabbilita fih; jekk dan ma jsirx, il-mandat jiskadi (l-Artikolu 481). Ir-rappreżentanza legali hija meħtiegħa f'dan l-istadju. Il-mandat ta' qbid i żomm lid-debitur milli jipproteġi l-assi u l-pretensjonijiet maqbuda mill-garanzija ta' kreditu mitluba. Isir null jekk ma tintalabx l-allokazzjoni jew il-bejgħ mill-qorti kompetenti għall-eżekuzzjoni fi  mien 45 jum minn meta jkun inħareġ.
2. Obbligu ta' trasferiment ta'  erti assi (*esecuzione per consegna e rilascio*), fejn l-uffiċjal  udizzjarju jew jagħti lill-kreditur il-beni mobbli speċifikata li jkun intolat għaliha, jew ineħħi lid-debitur mill-beni immobbli.
3. Twettiq ta' obbligu affermattiv jew negattiv (*esecuzione degli obblighi di fare e di non fare*) tirrikjedi li appell jitressaq quddiem il-qorti tal-eżekuzzjoni, li tiddetermina kif l-obbligu għandu jitwettaq u taħtar uffiċjal  udizzjarju u l-persuni responsabbli għat-twettiq tal-obbligu (e . kumpanija tal-kostruzzjoni) bl-ispejjeż għad-debitur.

L-eżekuzzjoni għandha l-għan li ti gura li jitwettqu l-obbligi mhux imwettqa, bl-assistenza tal-pulizija. Din tista' tintuża kemm għal djun finanzjarji kif ukoll għall-obbligi ta' konsenja ta' beni mobbli, ta' rilaxx ta' beni immobbli u għal obbligi affermattivi jew negattivi.

Barra minn hekk, l-Artikolu 614-a tal-Kodiċi tal-Proċedura C vili jippermetti li l-qorti toħro  sentenza mhux pekunjarja biex timponi ħlas mill-kreditur għal kwalunkwe ksur, nuqqas ta' konformit  jew dewmien fl-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv. Il-miżura tista' ti i applikata wkoll mill-qorti responsabbli għall-eżekuzzjoni wara li jkun  ie nnotifikat il-mandat.

3.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Kundizzjoni neċessarja u suffiċjenti biex tinbeda proċedura ta' eżekuzzjoni hija l-pussess ta' titolu eżekuttiv li jirrigwarda dritt li jkun " ert, likwidu u dovut" (*certo, liquido ed esigibile*) (l-Artikolu 474). Il-livell ta' " erteza" ivarja skont it-tip ta' titolu eżekuttiv: is-sentenzi m'għandhomx għalfejn ikunu finali biex ji u eżegwiti, peress li sentenza fil-prim'istanza hija provviżorjament eżegwibbli sakemm ma tinbidilx mill-qorti tal-appell. "Likwidu" tfisser li l-ammont  ie (jew jista' ji i) ikkalkulat minflok ma jkun diskrezzjonali. "Dovut" tfisser li skada  - mien sa meta kellu jiħallas l-ammont u li dan mhuwiex so ggett għal termini u kundizzjonijiet sospensivi.

4 L-għan u n-natura ta' miżuri eżekuttivi

Matul il-proċedura l-qorti tal-eżekuzzjoni toħro  diversi tipi ta' miżuri - normalment ordnijiet (*ordinanze*). Dawn ivarjaw minn miżuri meħtiegħa biex ji u stabbiliti r-regoli għat-twettiq kif suppost tal-proċedimenti sa miżuri li jassenjaw id-dritt ta' u u, e . id-digriet (*decreto*) li jassenja l-beni maqbuda lill-persuna li xtrathom fis-subbasta jew li tefgħet l-ogħla offerta.

4.1 Liema tipi ta' assi jistgħu jkunu su ggetti għall-eżekuzzjoni?

Dawn li  ejjin jistgħu jkunu so ggetti għall-esproprjazzjoni: a) beni mobbli, b) beni immobbli, c) il-pretensjonijiet tad-debitur u beni mobbli li dan ikun qed i żomm fil-fond ta' terzi u d) ishma f'kumpaniji.

Minbarra dan, jistgħu ji u eżegwiti wkoll obbligi ta'  ediment ta' beni mobbli u ta' rilaxx ta' beni immobbli, kif ukoll obbligi affermattivi u negattivi.

4.2 X'inhuma l-effetti tal-miżuri eżekuttivi?

L-eżekuzzjoni għal somom ta' flus tibda b'mandat ta' sekwestru, li jfisser li l-assi sekwestrati ma jkunux disponibbli għad-debitur li kontriħ tintalab l-eżekuzzjoni. Għalhekk kwalunkwe att li jirregola t-trasferiment ta'

dawk il-flus ikun null u ma jistax jintuża biex iżomm l-eżekuzzjoni milli ssir.

4.3 X'inhi l-validità ta' miżuri b'hal dawn?

Dawn iservu b'hal miżuri ta' eżekuzzjoni operazzjonali bil- għan li jiġu ssodisdati l-pretensjonijiet imressqa, u għaldaqstant ma jistgħux jintużaw b'hal provi għall-investigazzjonijiet.

5 Hemm possibiltà li d-deċiżjoni li tawtorizza din il-miżura tiġi appellata?

L-ordinament ġuridiku jippermetti appelli mid-debitur (u/jew partijiet terzi soġġetti għall-eżekuzzjoni) kontra l-atti u s-sentenzi relatati mal-proċeduri ta' eżekuzzjoni. L-appelli jistgħu jipproduċu żewġ tipi differenti ta' deċiżjonijiet:

- appell kontra l-eżekuzzjoni (*opposizione all'esecuzione*) (l-Artikoli 615 u 616 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili) fejn jiġi kkontestat id-dritt li ssir l-eżekuzzjoni (jiġifieri l-eżistenza tad-dritt tal-kreditur li jipproċedi bl-eżekuzzjoni jew bil-qbid ta' ċerti assi);
- appell kontra atti eżekuttivi (*opposizione aġli atti esecutivi*) (l-Artikoli 617 u 618 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), fejn jiġu kkontestati żbalji proċedurali (jiġifieri l-legalità tad-dokumenti involuti fil-proċedura ta' eżekuzzjoni).

Appell kontra l-eżekuzzjoni jew atti eżekuttivi, ippreżentat qabel ma' tibda l-eżekuzzjoni huwa definit b'hal appell kontra mandat (*precetto*) għaliex jinfetaħ b'risposta għad-dokument li jagħti avviż bil-quddiem tal-eżekuzzjoni: l-appell jitressaq kontra l-mandat permezz ta' rikors lill-qorti b'għuridizzjoni fuq il-kwistjoni, jew fuq l-ammont u ż-żona ġeografika, f'konformità mad-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Kodiċi.

Jekk l-eżekuzzjoni tkun diġà bdiet jew il-mandat ta' qbid ikun diġà ġie nnotifikat, l-appell kontra l-eżekuzzjoni jew kontra l-atti eżekuttivi jsir billi jiġi ppreżentat appell speċifiku lill-qorti tal-eżekuzzjoni. Il-qorti tista' tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni sakemm tingħata s-sentenza tal-appell, għalkemm sospensjoni b'hal din mhijiex awtomatika.

B'has-sentenzi kollha fil-prim'istanza, sentenza f'appell tista' tiġi kkontestata.

Partijiet terzi li jallegaw li għandhom drittijiet *in rem* fuq beni maqbuda jistgħu jappellaw lill-qorti tal-eżekuzzjoni sakemm il-beni jinbiegħu jew issir ċessjoni tagħhom.

Id-dispożizzjonijiet ġuridiċi rilevanti huma l-Artikoli 615, 616, 617, 618 u 619 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

6 Hemm xi limiti fuq l-eżekuzzjoni, b'mod partikolari relatati ma' ħarsien tad-debitur jew preskrizzjonijiet?

Minbarra l-oġġetti ddikjarati li ma jistgħux jinqabdu skont leġiżlazzjoni speċjali u skont l-Artikolu 514 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, dawn li ġejjin ma jistgħux jinqabdu:

1. oġġetti sagri u oġġetti użati fil-prattika ta' reliġjon;
2. ċrieket taż-żwieġ, ħwejjeġ, friex tad-dar, sodod, imwejjed tal-ikel u siġġijiet, gwardarobbi, gradenzi, frigijs, kuċinieri u fran (tal-gass jew tal-elettriku), magni tal-ħasil, attrezzaturi tad-dar u tal-kċina u biċċa għamara biex jinżammu fiha, biżżejjed biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tad-debitur u tal-familja tiegħu; madankollu, dan ma jinkludix għamara ta' valur sinifikanti (minbarra sodod), inklużi antikitajiet ta' valur u elementi ta' valur artistiku kkonfermat;
3. l-ikel u l-fjuwil neċessarji biex isostnu lid-debitur u lill-persuni l-oħra msemmija fil-paragrafu preċedenti għal xahar;
4. madankollu, dan ma jinkludix għamara ta' valur sinifikanti (minbarra sodod), inklużi antikitajiet ta' valur u elementi ta' valur artistiku kkonfermat;

Armi u oġġetti oħra li d-debitur irid iżomm sabiex iwettaq servizz pubbliku, medalji, ittri, rekords u dokumenti tal-familja b'mod ġenerali, kif ukoll manuskritti (għajr fejn jiffurmaw parti minn kollezzjoni), kif ukoll annimali domestiċi u annimali użati għal skopijiet ta' terapija jew kura ma jistgħux jinqabdu.

Il-liġi tiddikjara wkoll b'hal li ma jistgħux jinqabdu, fost l-oħrajn: Beni li jkunu proprjetà tal-Istat, assi mhux

disponibbli li huma proprjetà tal-Istat jew ta' korp pubbliku ieħor, proprjetà koperta mir-reġimi tal-proprjetà matrimonjali, il-proprjetà ta' istituzzjonijiet ekkleżjastiċi u binjiet reliġjużi.

Skont l-Artikolu 671 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, dawn li ġejjin ma jistgħux jinqabdu għal pretensjonijiet ta' debitori kontra partijiet terzi:

1. pagamenti ta' manteniment, sakemm ma jkunux għal skopijiet ta' manteniment, iżda biss bl-awtorizzazzjoni tal-president tal-qorti jew ta' mħallef maħtur minnu, u biss għal sehem li għandu jiġi determinat b'digriet;
2. għotjiet ta' karità jew ta' sussistenza lil persuni kklassifikati bħala foqra u ħlasijiet għal maternità, mard jew spejjeż tal-funerali dovuti minn fondi tal-assigurazzjoni, korpi tas-sigurtà soċjali u istituzzjonijiet tal-karità;
3. l-ammonti dovuti minn persuni privati bħala pagi, salarji jew pagamenti oħrajn relatati ma' relazzjoni ta' impjieg (inklużi dawk dovuti għal sensji) jistgħu jinqabdu għal pagamenti ta' manteniment sal-limitu awtorizzat mill-president tal-qorti jew minn imħallef iddelegat minnu; għal tipi oħrajn ta' introjtu, tista' tinqad kwota ta' kwinta minn dawn l-ammonti; atti ta' qbid simultani li jirriżultaw minn taħlita tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq ma jistgħux jammontaw għal aktar minn nofs dawn is-somom;
4. annwalità, jekk tkun ikkostitwita bla ħlas, meta jkun hemm dispożizzjoni li l-ammont meħtieġ sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet essenzjali tal-kreditur m'għandhomx ikunu soġġetti għal qbid;
5. l-ammonti pagabbli minn assiguratour lid-detentur ta' polza jew benefiċjarju ta' assigurarazzjoni, soġġetti - fir-rigward tal-primjums imħallsa - għad-dispożizzjonijiet dwar ir-reviżjoni tal-atti li huma ta' detriment għall-kredituri u għall-kollazzjoni, għall-imputazzjoni u għat-tnaqqis tar-rigali;
6. (ammonti pagabbli għal pensjonijiet, benefiċċji li jservu bħala pensjonijiet jew benefiċċji oħrajn tal-irtirar ma jistgħux jinqabdu sa ammont li jikkorrispondi għad-doppju tal-ammont massimu tal-benefiċċju soċjali ta' kull xahar, b'minimu ta' EUR 1 000; is-sehem li jaqbeż dak l-ammont jista' jinqabad fil-limiti stabbiliti fil-punt (c);
7. fondi ta' għajjuna soċjali u ta' assistenza (inklużi dawk mhux kontributorji) stabbiliti minn sid ta' negozju fuq il-bażi ta' pagamenti magħmula mill-kredituri tas-sid tan-negozju jew tal-impjegati.

Somom dovuti bħala pagi, salarji u pagamenti oħrajn relatati mal-impjieg jew max-xogħol (inklużi dawk għal sensji u għal pensjonijiet) u benefiċċji li jservu bħala pensjonijiet jew benefiċċji oħrajn tal-irtirar jistgħu wkoll, meta jiġu kkreditati lil kont bankarju jew postali f'isem id-debitur, ikunu soġġetti għal qbid għal ammont li jaqbeż bi tliet darbiet il-benefiċċju soċjali, meta l-kont jiġi kkreditat qabel il-qbid; meta l-kont ikun ikkreditat fid-data tal-qbid jew wara, dawn l-ammonti jistgħu jkun soġġetti għal qbid fil-limiti deskritti hawn fuq u dawk stipulati f'leġiżlazzjoni speċjali.

Huwa d-debitur li jrid jasserixxi li l-beni jew il-pretensjoni hija eżenti mill-qbid billi jappella kontra l-eżekuzzjoni (l-Artikolu 615 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

L-azzjoni ta' eżekuzzjoni ma tistax tirnexxi jekk il-perjodu ta' preskrizzjoni tal-pretensjoni jkun skada għalkollox. Il-perjodu ta' preskrizzjoni ġeneralment huwa ta' 10 snin, iżda dan jista' jvarja skont id-dritt inkwistjoni (pereżempju, il-perjodu ta' preskrizzjoni għall-kumpens għal dannu mhux kuntrattwali huwa ta' 5 snin). Il-liġi tistabbilixxi wkoll perjodi ta' preskrizzjoni differenti skont it-tip ta' att legali li huwa prova tat-talba li fuqu tkun ibbażata l-eżekuzzjoni. Pereżempju, il-perjodu ta' preskrizzjoni għal talba stabbilita f'sentenza tal-qorti huwa ta' 10 snin, għalkemm għal dan it-tip ta' talba l-liġi ġeneralment tistabbilixxi perjodu ta' preskrizzjoni iqsar.

Fuq talba tal-kreditur il-President tal-Qorti li fil-ġurisdizzjoni tagħha d-debitur ikollu r-residenza, id-domiċilju, l-abitazzjoni, jew l-uffiċċju reġistrat tiegħu, jista' jawtorizza li jsir tiftix b'mezzi elettroniċi tal-assi li jridu jinqabdu (l-Artikolu 492-a tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Dan ifisser li l-uffiċjal ġudizzjarju jista' jftitx l-assi u l-pretensjonijiet tad-debitur permezz tar-reġistru tat-taxxa u l-bażijiet tad-data tal-awtoritajiet pubbliċi. Iddaħħlu wkoll forom ta' pagamenti parzjali biex ikopru l-valur ta' qbid (*conversione del pignoramento*) f'każijiet ta' qbid ta' beni mobbli.

Link għall-Kodiċi tal-Proċedura tal-Italja:

<https://www.normattiva.it/uri-res/N2Ls?urn:nir:stato:regio.decreto:1940-10-28;1443>

Din il-paġna web hija parti minn [L-Ewropa Tiegħek](#).

Nilqgħu l-[feedback](#) tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.

■ L-aħħar aġġornament: 03/02/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.